KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 05Ad hoc_13/08/09 VI

# MINUTI TAL-ĦAMES (AD HOC) SEDUTA

**Il-ħames seduta** (Ad hoc) tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet il-Ħamis **13 ta' Awwissu, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Yves (Bobby) Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Patrick Pace** |
| **Skużati:** | **Marianne Aquilina**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |
| **L-avukat tal-kunsill:** | **Ivan Gatt** |

Is-seduta bdiet fis-7.30 ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

1. Deċiżjoni dwar il-problema tal-ġbir ta' skart f'Tas-Sliema

**1. Deċiżjoni dwar il-problema tal-ġbir ta' skart f'Tas-Sliema**

Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta ż-żewġ stimi wara li l-kunsill iltaqa mas-Sur Victor Borg


Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

tal-kumpanija *Marvic and Sons* u s-Sur Joe Vella tal-koperattiva *Northern Cleaning*. Ta' min jinnota li s-sur Vella ippreżenta l-istima tiegħu f'isem *Velljo Services*. L-avukat tal-kunsill qal li f'dan il-każ ma tagħmilx differenza għax fil-każ ta' emerġenza l-kunsill ma kienx obbligat isejjaħ lil dawk li kienu ġew it-tieni jew it-tielet fit-tender tal-ġbir ta' l-iskart.

Iż-żewġ stimi huma annessi ma' dawn il-minuti bħala 'Doc A' u Doc 'B'.

Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta wkoll kopja tal-minuti u evalwazzjoni tal-laqgħa li saret maż-żewġ kuntratturi l-Ħamis 13 ta' Awwissu fl-10 ta' filgħodu. Doc 'C'

Is-Sindku N. Dimech qal li ma nistgħux naffordjaw nagħmlu żball u jkollna l-istess problema ta' l-iskart f'Tas-Sliema. Ġie nnotat li għandna immorru għal xi ħadd li huwa familjari tat-toroq ta' Tas-Sliema, li huwa s-Sur Joseph Vella ta' *Velljo Services*. Ta' min jgħid ukoll li għalkemm il-prezz huwa għola minn ta' *Marvic and Sons,* dan għandu iżjed trukkijiet allura f'każ ta' ħsara se jkun hemm aktar *back-up*, Is-sur Vella għandu wkoll aktar esperjenza f'kunsilli lokali oħra.

L-avukat tal-kunsill informa lill-kunsill li peress huwa stat ta' emerġenza minħabba is-servizz ħażin li qiegħed jingħata u huwa kuntratt ta' perjodu qasir, l-għażla se tkun ġustifikabbli.

Dwar il-ġbir ta' skart separat ġie nnotat li s-Sur J. Vella jista jibqa jiġbor it-Tlieta la darba jitħallas mil-kunsill bil-preżentazzjoni tac-*chits,* minn naħa l-oħra is-Sur V. Borg ma jistax jiġbor it-Tlieta.

Is-Sindku N. Dimech ippropona li jintgħażel is-Sur J. Vella għal *Velljo Services* bil-kundizzjoni li jekk ma jingħatax is-servizz tajjeb il-kuntratt ma jiġġedditx għax-xaħar ta' wara u jingħata lis-Sur Borg għal *Marvic and Sons*. Il-viċi sindku J. Gonzi issekondat. Il-kunsilliera preżenti B. Cali, E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur filwaqt li S. Camilleri ivvotat kontra.

Deċiżjoni għaddiet b'ħames voti favur u wieħed kontra.

Is-seduta ntemmet fit-8.15pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Awwissu, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**